# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.97

## REGOLAMENTI DWAR IL-PREVENZJONI U R-RIMEDJAR TA' DANNI AMBJENTALI

21 ta' Awwissu, 2015

*L-AVVIŻ LEGALI 280 tal-2015, kif emendat bl-Avviż Legali 217 tal-2021.*

**1.** TIt-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali. Titolu.

**2.** L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jistabbilixxu qafas ta' responsabbiltà ambjentali bbażata fuq il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", għall-prevenzjoni u r-rimedjar tad-danni ambjentali u sabiex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li ghandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju ghal danni ambjentali. Għanijiet.

**3.** Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"attività tax-xogħol" tfisser kull attività magħmula bħala parti minn attività ekonomika, negozju jew impriża, mingħajr ma jingħata każ jekk l-attività hijiex pubblika jew privata, tagħmel qligħ jew li ma tagħmilx qligħ;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u tali entità oħra jew persuna li l-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi, u entitajiet jew persuni differenti jistgħu jiġu nominati bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal finijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"dannu" tfisser bidla negattiva kwantifikabbli fir-riżorsi naturali jew indeboliment kwantifikabbli ta' servizz tar-riżorsi naturali li jista' jseħħ direttament jew indirettament;

"dannu ambjentali" tfisser:

(*a*) dannu lill-ispeċi protetti u lill-ambjenti naturali, jiġifieri kull tip ta' dannu u ħsara oħra li għandu effett negattiv sinifikattiv fuq il-kisba, ir-restawr jew iż-żamma ta' stat favorevoli ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawn l-ispeċi jew ambjenti naturali. L-importanza ta' dawn l-effetti għandha titqies b'riferenza għall-kundizzjoni bażi, wara li jkunu kkunsidrati l-kriterji stabbiliti fl-Iskeda I.

Dannu lill-ispeċi protetti u lill-ambjenti naturali ma jinkludix effetti negattivi li ġew identifikati qabel li huma r-riżultat ta' azzjoni ta' operatur li kien awtorizzat b'mod ċar mill-awtoritajiet relevanti skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III u t-Taqsima XI tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, jew ir-regolament 9 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jew, fil-każ ta' ambjenti naturali jew speċi li mhumiex koperti mil-liġi tal-Komunità, skont id-dispożizzjonijiet ekwivalenti fil-liġi nazzjonali dwar il-ħarsien tan-natura;

L.S. 549.44

L.S 549.42

(*b*) dannu fl-ilma, jiġifieri kull dannu li jolqot b'mod negattiv u sinifikattiv:

(i) l-istatus ekoloġiku, kimiku u, jew kwantitattiv u, jew il-potenzjal ekoloġiku, tal-ilmijiet ikkonċernati kif imfisser fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma bl-eċċeżżjoni tal-effetti negattivi meta jkun jgħodd ir-regolament 4(7) ta' dawn ir-regolamenti; jew

L.S. 549.100

(ii) l-istatus tal-ambjent tal-baħar ikkonċernat, kif imfisser fir-Regolamenti dwar Qafas fil-Politika Ambjentali tal-Baħar bl-eċċezzjoni għal dawk l-aspetti partikolari fl-istatus ambjentali tal-ambjent tal-baħar li huma diġà regolati bir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma;

L.S 549.62

L.S. 549.100

(*ċ*) dannu fl-art, jiġifieri kull kontaminazzjoni tal-art li toħloq periklu sinifikattiv li s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent jintlaqtu b'mod negattiv bħala riżultat tal-introduzzjoni diretta jew indiretta, fi, fuq jew taħt l-art, ta' sustanzi, preparazzjonijiet, organiżmi jew mikro-organiżmi;

"emissjoni" jew "tniġġis" tfisser ir-rilaxx fl-ambjent, bħala riżultat tal-attivitajiet tal-bnedmin, ta' sustanzi, preparazzjonijiet, organiżmi jew mikro-organiżmi;

L.S. 549.100

"ilma" tfisser kull ilma msemmija fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma;

"kundizzjoni bażi" tfisser il-kundizzjoni li kienet tkun teżisti fil-waqt tad-danni lir-riżorsi naturali u s-servizzi li kieku d-dannu ambjentali ma seħħx, stmat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli;

"miżuri ta' prevenzjoni" tfisser kull miżura li tittieħed kontra avveniment, att jew ommissjoni li toħloq periklu imminenti ta' danni ambjentali, bl-iskop ta' prevenzjoni jew minimizzar ta' dak id-dannu;

"miżuri ta' rimedju" tfisser kull azzjoni, jew taħlita ta' azzjonijiet, li tinkludi miżuri li jtaffu jew miżuri temporanji bl-iskop ta' restawr, riabilitazzjoni jew sostituzzjoni tar-riżorsi naturali milquta u, jew is-servizzi mfixkla, jew il-provvediment ta' alternattiva ekwivalenti għal dawk ir-riżorsi jew servizzi kif

stabbilit fl-Iskeda II;

"operatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, privata jew pubblika li topera jew tikkontrolla l-attività tax-xogħol jew, meta din tkun regolata bil-liġi nazzjonali, il-persuna li jkun ġie delegat lilha l-poter ekonomiku deċisiv fuq il-funzjonament tekniku tal-imsemmija attività, li tinkludi d-detentur ta' permess jew awtorizzazzjoni għall-imsemmija attività jew il-persuna li tirreġistra jew tinnotifika l-imsemmija attività;

"periklu imminenti ta' danni" tfisser probabbiltà suffiċjenti li ser ikunu kkawżati danni ambjentali fil-futur qarib;

"rimedju", li jinkludi "rimedju naturali" tfisser, fil-każ tal-ilma, speċi protetti u ambjenti naturali, it-treġġigħ ta' dawk ir-riżorsi naturali milquta u, jew is-servizzi mfixkla lura għall-kundizzjoni bażi u fil-każ ta' danni lill-art, l-eliminazzjoni ta' kull riskju sinifikattiv ta' effett negattiv għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

"riżorsi naturali" tfisser l-ispeċi u ambjenti naturali protetti, l-ilma u l-art;

"servizzi" u "servizzi tar-riżorsi naturali" ifissru l-funzjonijiet imwettqa mir-riżorsi naturali għall-benefiċċju ta' riżorsi naturali oħra jew għall-pubbliku;

"speċi u ambjenti naturali protetti" tfisser:

(*a*) l-ispeċi msemmija fir-regolament 3(3) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jew dawk elenkati fl-iSkeda I li tinsab ma' dawk ir-Regolamenti jew dawk fil-lista tal-Iskedi II u V li jinsabu mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali; L.S 549.42 L.S 549.44

(*b*) l-ambjenti naturali tal-ispeċi msemmija fir-regolament 3(3) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi jew dawk elenkati fl-Iskeda I li tinsab ma' dawk ir-Regolamenti jew dawk fil-lista tal-Iskeda II li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u l-ambjenti naturali elenkati fl-Iskeda I li tinsab mal-imsemmija Regolamenti u s-siti fejn jgħammru jew il-postijiet tal-mistrieħ tal-ispeċi elenkati fl-Anness V li jinsab mal-imsemmija Regolamenti; L.S 549.42 L.S. 549.44

(*ċ*) l-ambjenti naturali jew speċi kollha, li mhumiex elenkati fl-Iskedi msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) ta' hawn fuq, li l-awtorità kompetenti tinnomina għall-istess skop bħal dak stabbilit fiż-żewġ Regolamenti msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*);

"spejjeż" tfisser spejjeż ġustifikati bil-bżonn li jiġi żgurat it-twettiq effikaċi u kif suppost ta' dawn ir-regolamenti, inklużi wkoll l-ispejjeż biex jitqiesu danni ambjentali, perikli imminenti tal-imsemmija danni, alternattivi għal azzjonijiet kif ukoll spejjeż amministrattivi, spejjeż legali u spejjeż tal-infurzar, l-ispejjeż tal-ġbir tad-*data* u spejjeż oħra ġenerali, kif ukoll l-ispejjeż tal-monitoraġġ u tas-sorveljanza;

"stat ta' konservazzjoni" tfisser;

(*a*) f'dak li għandu x'jaqsam ma' ambjenti naturali, il-kumpless ta' influwenzi li jaġixxu fuq l-ambjent naturali u l-ispeċi tipiċi tiegħu u li jistgħu jolqtu d-distribuzzjoni naturali tiegħu, l-istruttura u l-funzjonijiet, kif ukoll is-sopravivenza fit-tul tal-ispeċi tipiċi tiegħu fi ħdan, skond il-każ, it-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalih jgħodd it-Trattat jew it-territorju ta' Stat Membru, jew il-firxa naturali ta' dak l-ambjent naturali.

L-istat ta' konservazzjoni ta' ambjent naturali għandu jkun ikkunsidrat bħala "favorevoli" meta:

(i) il-firxa naturali u ż-żoni li jkopri f'dik il-firxa huma stabbli jew qegħdin jiżdiedu,

(ii) l-istruttura speċifika u l-funzjonijiet neċessarji għall-konservazzjoni tiegħu fit-tul jeżistu u x'aktarx jibqgħu jeżistu fil-futur qrib, u

(iii) l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi tipiċi tiegħu tkun favorevoli, kif tfisser fil-paragrafu (*b*);

(*b*) f'dak li għandu x'jaqsam ma' speċi, il-kumpless ta' influwenzi fuq l-ispeċi msemmija li jistgħu jolqtu d-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-popolazzjoni tiegħu fit-tul ġewwa, skont il-każ, it-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom jgħodd it-Trattat jew it-territorju ta' Stat Membru, jew il-firxa naturali ta' dik l-ispeċi.

L-istat ta' konservazzjoni għandu jitqies "favorevoli" meta:

(i) l-informazzjoni tad-dinamika tal-popolazzjoni dwar l-ispeċi msemmija turi li l-popolazzjoni qed iżżomm ruħha fit-tul bħala parti vijabbli mill-ambjent naturali tagħha,

(ii) il-firxa naturali tal-ispeċi ma tkunx qiegħda tonqos u lanqas ma x'aktarx tonqos fil-futur qarib, u

(iii) hemm, u x'aktarx jibqa' jkun hemm, ambjent naturali kbir biżżejjed biex isostni l-popolazzjoni tagħha fit-tul.

Applikabbilità.

**4.** (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu għal:

(*a*) dannu ambjentali kaġunat minn attivitajiet tax-xogħol li huma elenkati fl-Iskeda III, kif ukoll kull periklu imminenti tal-imsemmi dannu minħabba fl-istess attivitajiet;

(*b*) dannu lill-ispeċi u lill-ambjent naturali protetti kaġunati minn attivitajiet tax-xogħol għajr dawk elenkati fl-Iskeda III, u kull periklu imminenti li jseħħ l-imsemmi dannu minħabba dawk l-attivitajiet, kull meta l-operatur ikollu tort jew kien traskurat.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali jew Komunitarji aktar stretti li jirregolaw l-operat ta' attivitajiet li għalihom jgħoddu dawn ir-regolamenti u mingħajr preġudizzju għal-liġijiet Komunitarji li fihom regoli dwar kunflitti bejn il-ġurisdizzjonijiet.

(3) Mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali rilevanti, dawn ir-regolamenti ma jagħtux lill-partijiet privati xi dritt ta' kumpens bħala konsegwenza tad-dannu ambjentali jew ta' periklu imminenti tal-imsemmi dannu.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu bla preġudizzju għal kull dispożizzjoni oħra tal-Att dwar Reati kontra l-Ambjent skont ma jkun rilevanti għall-attività. Kap. 522.

Eċċezzjonijiet.

**5.** (1) Dawn ir-regolamenti ma jkoprux dannu ambjentali jew periklu imminenti tal-imsemmi dannu kaġunat minn:

(*a*) att ta' kunflitt bl-armi, ostilitajiet, gwerra ċivili jew insurrezjoni;

(*b*) fenomenu naturali ta' natura eċċezzjonali, inevitabbli u irresistibbli.

(2) Dawn ir-regolamenti ma jgħoddux għal dannu ambjentali jew xi periklu imminenti ta' dannu ambjentali li huma r-riżultat ta' xi inċident li r-responsabbilità u l-kumpens dwaru huma regolati minn xi Konvenzjoni Internazzjonali elenkata fl-Iskeda IV.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-operatur li jillimita r-responsabilità tiegħu skont il-liġi nazzjonali li timplimenta l-Konvenzjoni tal-1976 dwar il-Limitazzjoni tar-Responsabilità fi Pretensjonijiet Marittimi (LLMĊ), inkluża kull emenda li ssir f'dik il-Konvenzjoni, jew il-Konvenzjoni tal-1988 ta' Strasburgu dwar il-Limitazzjoni tar-Responsabilità fin-Navigazzjoni Interna (ĊLNI), inkluża kull emenda li tista' ssir fiha.

(4) Dawn ir-regolamenti ma jgħoddux għal riskji nukleari jew dannu ambjentali jew periklu imminenti ta' dannu li hu kaġunat minn attivitajiet koperti mit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika jew li jiġu kaġunati minn inċident jew attività li r-responsabbiltà jew kumpens għalihom huma koperti minn strumenti internazzjonali elenkati fl-Iskeda V.

(5) Fejn id-dannu ambjentali jew periklu imminenti ta' dannu ambjentali jkun ikkaġunat minn tniġġis ta' natura mifruxa, dawn ir-regolamenti għandhom jgħoddu biss meta jkun jista' jiġi stabbilit li hemm rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-attivitajiet tal-operaturi individwali.

(6) Dawn ir-regolamenti ma jgħoddux għal attivitajiet li l-iskop ewlieni tagħhom huwa d-difiża nazzjonali jew is-sigurtà internazzjonali u lanqas ma jgħoddu għal attivitajiet li l-iskop uniku tagħhom huwa l-protezzjoni minn diżastri naturali, dment li jkun hemm stqarrija bil-miktub mingħand il-Ministru responsabbli għas-settur rispettiv li tgħid li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti jkollha effett ħażin għall-finijiet ta' difiża nazzjonali jew sigurtà nazzjonali jew il-protezzjoni minn diżastri naturali.

Mezz ta' prevenzjoni.

**6.** (1) Meta d-danni ambjentali għadhom ma seħħewx iżda jkun hemm periklu imminenti li l-imsemmija danni jseħħu, l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jieħu l-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji.

(2) L-operaturi għandhom, f'kull każ, inkluż meta l-periklu imminenti ta' dannu ambjentali ma kienx eliminat lanqas permezz tal-

miżuri ta' prevenzjoni magħmula mill-operatur, jinformaw lill-awtorità kompetenti dwar kull aspett relevanti tas-sitwazzjoni, malajr kemm jista' jkun.

(3) Mingħajr preġudizzju ghal dan, l-awtorità kompetenti għandha:

(*a*) titlob lil l-operatur jipprovdi informazzjoni dwar periklu imminenti ta' dannu ambjentali jew f'każijiet fejn ikun hemm suspett tal-imsemmi periklu;

(*b*) titlob lill-operatur jieħu l-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji;

(*ċ*) tagħti struzzjonijiet lill-operatur li huwa għandu jsegwi dwar il-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji.

(4) L-awtorità kompetenti tista' tieħu dawn il-miżuri hi stess jekk l-operatur:

(*a*) jonqos milli jħares dawn l-obbligi stabbiliti fis-subregolamenti (1) jew (3)(*b*) jew (*ċ*); jew

(*b*) ma jistax ikun identifikat; jew

(*ċ*) mhux obbligat skont dawn ir-regolamenti li jħallas l-ispejjeż.

Azzjoni ta' rimedju.

**7.** (1) Meta d-dannu ambjentali jkun fil-fatt seħħ, l-operatur għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kull aspett rilevanti tas-sitwazzjoni u jieħu:

(*a*) kull pass prattikabbli biex jikkontrolla malajr, jillimita, ineħħi jew b'kull mod ieħor jikkontrolla l-kontaminanti rilevanti u, jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex id-dannu ambjentali jkun limitat jew jiġi evitat aktar dannu u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi;

(*b*) il-miżuri ta' rimedju neċessarji, skont ir-regolament 8.

(2) L-awtorità kompetenti għandha, f'kull waqt:

(*a*) tesiġi li l-operatur jipprovdi informazzjoni supplementari dwar kull dannu li jkun seħħ;

(*b*) tieħu, tesiġi li l-operatur jieħu jew tagħti struzzjonijiet lill-operatur dwar, kull pass prattikabbli biex malajr jikkontrolla, irażżan, ineħħi jew b'xi mod ieħor jiġġestixxi l-kontaminanti rilevanti u, jew kull fattur ta' dannu ieħor sabiex ikunu evitati aktar dannu ambjentali u effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew aktar tfixkil tas-servizzi;

(*ċ*) tesiġi li l-operatur jieħu l-miżuri ta' rimedju neċessarji;

(*d*) tagħti struzzjonijiet lill-operatur li huwa għandu jsegwi dwar il-miżuri ta' rimedju neċessarji.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tieħu dawn il-miżuri hi stess jekk l-operatur:

(*a*) jonqos milli jħares l-obbligi stabbiliti fis-subregolamenti (1) jew (2)(*b*), (*ċ*) jew (*d*), jew

(*b*) ma jistax ikun identifikat; jew

(*ċ*) mhux obbligat taħt dawn ir-regolamenti li jħallas l-ispejjeż.

Kif jiġu stabbiliti l-miżuri ta' rimedju.

**8.** (1) L-operaturi għandhom jidentifikaw, skont l-Iskeda II, miżuri ta' rimedju potenzjali u jagħtuhom lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tagħha, kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tkunx ħadet passi skont ir-regolament 7(3).

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi liema miżuri ta' rimedju għandhom jitwettqu skont l-Iskeda II, u bil-koperazzjoni tal-operatur relevanti, kif meħtieġ.

(3) Meta jkun hemm iktar minn każ wieħed ta' dannu ambjentali b'tali mod li l-awtorità kompetenti ma tistax tiżgura li l-miżuri ta' rimedju neċessarji jkunu qegħdin jittieħdu fl-istess waqt, l-awtorità kompetenti jkollha l-jedd li tiddeċiedi liema każ ta' dannu ambjentali għandu jiġi rimedjat l-ewwel

Filwaqt li tkun qegħda tieħu dik id-deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra, fost l-oħrajn, in-natura, il-firxa u l-gravità tal-każijiet varji ta' danni ambjentali konċernati, u l-possibilità ta' rkupru naturali. Ir-riskji lis-saħħa tal-bniedem għandhom ukoll jiġu kkunsidrati.

(4) L-awtorità kompetenti għandha ssejjaħ lill-persuni msemmija fir-regolament 13(1) u f'kull każ lill-persuni li l-art li fuqha jitwettqu l-miżuri ta' rimedju tkun tagħhom biex jagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom u dik l-awtorità għandha tikkunsidrahom.

L-ispejjeż ta' prevenzjoni u rimedju.

**9.** (1) L-operatur għandu jħallas l-ispejjeż għall-azzjoni ta' prevenzjoni u rimedju li ttieħdu skont dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għas-subregolamenti (3) u (4), l-awtorità kompetenti għandha tirkupra, fost l-oħrajn, permezz tal-garanzija fuq il-proprjetà jew garanziji oħra xierqa mill-operatur li kkaġuna d-dannu jew il-periklu imminenti ta' dannu, l-ispejjeż li ntefqu f'dak li għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju li ttieħdu skont dawn ir-regolamenti.

Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tirkuprax l-ispejjeż kollha meta l-ispiża biex tirkupra l-ispejjeż tkun akbar mis-somma li għandha tkun irkuprata jew meta l-operatur ma jistax jiġi identifikat.

(3) L-operatur m'għandux ikun mitlub iħallas l-ispejjeż tal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju mwettqa skont dawn ir-regolamenti meta jista' juri li d-dannu ambjentali jew il-periklu imminenti ta' dannu ambjentali -

(*a*) kien kaġunat minn terza persuna u seħħ minkejja li kienu f'posthom miżuri xierqa ta' sigurità; jew

(*b*) huma r-riżultat ta' konformità ma' ordni jew istruzzjoni obbligatorja mingħand awtorità pubblika ħlief ordni jew istruzzjoni li nħarġet wara emissjoni jew każ ikkaġunat mill-attivitajiet tal-operatur innifsu.

(4) L-operatur m'għandux iħallas l-ispejjeż tal-miżuri ta' rimedju mwettqa skont dawn ir-regolamenti meta juri li hu ma kellux tort jew ma

kienx traskurat u li d-dannu ambjentali kien kaġunat minn:

(*a*) emissjoni jew każ espressament awtorizzat minn, u interament skont il-kondizzjonijiet ta', awtorizzazzjoni mogħtija minn jew mogħtija skont liġijiet u regolamenti applikabbli li jimplimentaw miżuri ta' leġislazzjoni speċifikati fl-Iskeda III, kif kienu applikati fid-data tal-emissjoni jew tal-każ;

(*b*) emissjoni jew attività jew kull mod ta' użu ta' prodott waqt attività li l-operatur juri li ma kenitx meqjusa li x'aktarx se tikkaġuna dannu ambjentali skont l-istat tal-informazzjoni teknika u xjentifika meta kienet rilaxxata l-emissjoni jew meta seħħet l-attività.

(5) Il-miżuri li tieħu l-awtorità kompetenti skont ir-regolament 6(3) u (4) u r-regolament 7(2) u (3) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-responsabilità tal-operatur rilevanti skont dawn ir-regolamenti u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat.

Allokazzjoni tal-ispejjeż f'każijiet fejn iktar minn parti waħda tintrabat mal-kawżalità.

**10.** Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet rilevanti dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż f'każijiet fejn hemm iktar minn parti waħda, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tqassim tar-responsabbilità bejn il-produttur u min juża l-prodott.

Limitazzjoni tal-perjodu għar-rimedju tal-ispejjeż.

**11.** L-awtorità kompetenti tista' tibda l-proċedura tal-irkupru tal-ispejjeż kontra l-operatur, jew jekk ikun xieraq, parti terza li kkaġunat id-dannu jew il-periklu imminenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri li twettqu skont dawn ir-regolamenti fi żmien ħames snin mid-data ta' meta l-imsemmija miżuri tlestew jew l-operatur responsabbli, jew il-parti terza, ġew identifikati, skont liema data hija l-aktar tard.

Awtorità kompetenti.

**12.** (1) L-awtorità kompetenti għandha:

(*a*) tistabbilixxi liema operatur ikun ikkaġuna d-dannu jew periklu imminenti ta' dannu:

(*b*) tagħmel stima tas-sinifikat tad-dannu; u

(*ċ*) tistabbilixxi liema miżuri ta' rimedju għandhom jittieħdu b'riferenza għall-Iskeda II.

(2) L-awtorità kompetenti tkun tista' titlob lill-operatur rilevanti, li jwettaq l-istima tiegħu u li jipprovdi kull informazzjoni u *data* neċessarji.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħti l-poter jew titlob lil terzi jwettqu l-miżuri neċessarji ta' prevenzjoni jew rimedju.

(4) Kull deċiżjoni meħuda skond dawn ir-Regolamenti li timponi miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju għandha tiddikjara r-raġunijiet li tkun ġiet ibbażata fuqhom l-imsemmija deċiżjoni. Dik id-deċiżjoni għandha tkun notifikata malajr kemm jista' jkun lill-operatur involut, li għandu fl-istess waqt ikun informat dwar ir-rimedji legali lilu disponibbli skont il-liġijiet rilevanti u dwar it-termini li għandhom dawn ir-rimedji.

Talba għall-azzjoni.
*Emendat: A.L. 217 tal-2021.*

**13.** (1)Persuna fiżika jew ġuridika:

(*a*) li hija milquta jew x'aktarx tkun milquta minn dannu ambjentali; jew

(*b*) li għandha interess suffiċjenti fid-deċiżjonijiet dwar l-ambjent li għandhom x'jaqsmu mad-dannu; jew alternattivament,

(*ċ*) li tallega t-tfixkil ta' dritt li joħroġ minn liċenza jew permess validu,

għandu jkollha jedd li tissottometti lill-awtorità kompetenti kwalunkwe osservazzjoni li għandha x'taqsam ma' każijiet ta' dannu ambjentali li tkun taf bihom u jkollha jedd ukoll li titlob lill-awtorità kompetenti tieħu passi skont dawn ir-regolamenti..

(2) Persuna tkun meqjusa illi għandha interess suffiċjenti jekk tkun segwiet il-proċedura tal-artikolu 71(6) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew jekk tkun tikkwalifika bħala persuna konsultata jew il-parti kkonċernata identifikata taħt il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali: Kap. 552. S.L. 549.46

Kap. 492.

Iżda l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li hija inkorporata bil-għan li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tilħaq kull ħtieġa skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji għandha titqies suffiċjenti għall-iskop tas-subregolament (1)(b). Tali organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jiġu mfixkla għall-fini tas-subregolament (1)(ċ).. Kap. 492.

(3) It-talba għal azzjoni għandu jkollha magħha l-informazzjoni rilevanti u *data* li jappoġġaw l-osservazzjonijiet mogħtija b'rabta mad-dannu ambjentali msemmi, inkluż evidenza biex tissostanzja l-allegat tfixkil jekk it-talba issir skont is-subregolament (1)(ċ).

(4) Meta t-talba għal azzjoni u l-osservazzjonijiet li jakkompanjawha juru b'mod plawsibbli li d-dannu ambjentali jkun jeżisti, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra kull osservazzjoni u talba għal azzjoni imsemmija. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-operatur rilevanti opportunità li juri l-opinjonijiet tiegħu dwar it-talba għal azzjoni u l-osservazzjonijiet li jakkompanjawha.

(5) L-awtorità kompetenti għandha, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji tinforma lill-persuni msemmija fis-subregolament (1), li jkunu taw osservazzjonijiet lill-awtorità, dwar id-deċiżjoni tagħha jekk taċċetax jew tirrifjutax it-talba għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Kap. 492.

Koperazzjoni bejn l-Istati Membri.

**14.** (1) Meta d-dannu ambjentali jkun jolqot jew x'aktarx jolqot lil ħafna mill-Istati Membri, dawk l-Istati Membri għandhom jikkoperaw, ukoll billi jiskambjaw informazzjoni adatta, bl-iskop li jkun żgurat li l-azzjoni ta' prevenzjoni u, meta neċessarju, l-azzjoni ta' rimedju tittieħed fil-kuntest ta' dak id-dannu ambjentali.

(2) Meta dannu ambjentali jkun seħħ jew oriġina fit-territorju Malti,

Malta għandha tipprovdi informazzjoni suffiċjenti lill-Istati Membri potenzjalment milquta.

(3) Meta Malta tidentifika dannu ġewwa l-fruntieri tagħha li ma kienx kaġunat minn ġewwa t-territorju tagħha, tista' tirrapporta l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kull Stat Membru ieħor involut; f'dan il-każ Malta tista' tagħmel rakkomandazzjoni biex jittieħdu miżuri ta' prevenzjoni jew ta' rimedju u tista' tfittex, skont dawn ir-regolamenti, li tirkupra l-ispejjeż li jkunu ntefqu fl-adozzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni jew rimedju.

Applikazzjoni temporali.

**15.** Dawn ir-regolamenti m'għandhomx jgħoddu għal:

(*a*) dannu kaġunat minn emissjoni, ġrajja jew inċident li seħħ qabel it-30 ta' April 2007, jew

(*b*) dannu kaġunat minn emissjoni, ġrajja jew inċident, li seħħ wara t-30 ta' April 2007 meta dan ikun ir-riżultat ta' attività speċifika li seħħet u spiċċat qabel dik id-data: jew

(*ċ*) dannu, jekk ikunu għaddew aktar minn 30 sena minn meta jkunu ġraw l-emissjoni, il-ġrajja jew inċident li jagħtu lok għal dak id-dannu.

---

## SKEDA I

## IL-KRITERJI MSEMMIJA FIT-TIFSIRA "DANNU AMBJENTALI"

Is-sinifikat ta' kull dannu li għandu effetti negattivi fuq il-kisba jew il-manteniment tal-istat favorevoli ta' konservazzjoni ta' ambjenti naturali jew speċi għandu jitqies b'riferenza għall-istat ta' konservazzjoni meta jkun sar id-dannu, is-servizzi provduti mill-kumditajiet li jipproduċu u l-kapaċità ta' riġenerazzjoni naturali tagħhom. Tibdil negattiv sinifikattiv għall-kundizzjoni bażi għandu jkun stabbilit permezz ta' *data* li tista' titkejjel, per eżempju:

1) in-numru ta' individwi, d-densità tagħhom jew iż-żona koperta;

2) ir-rwol tal-individwi partikolari jew taż-zona li sofriet id-danni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċi jew il-konservazzjoni tal-ambjent naturali, ir-rarità tal-ispeċi jew l-ambjent naturali tagħhom (meqjus fuq livell lokali, reġjonali u ogħla inkluż fuq livell Komunitarju);

3) il-ħila tal-ispeċi li tiżdied (skont id-dinamika speċifika ta' dik l-ispeċi jew popolazzjoni), il-viabbilità tagħha jew il-kapaċità tal-ambjent naturali għal riġenerazzjoni naturali (skont id-dinamika speċifika tal-ispeċi karatteristika tagħhom jew tal-popolazzjoni tagħhom);

4) il-kapaċità tal-ispeċi jew tal-ambjent naturali, wara li jkun sar id-dannu, li jirkupraw fi żmien qasir, mingħajr intervent ħlief iż-żieda fil-miżuri ta' protezzjoni, għal kundizzjoni li twassal, unikament bis-saħħa tad-dinamika tal-ispeċi jew tal-ambjent naturali, għal kundizzjoni meqjusa bħala ekwivalenti għall-kundizzjoni bażi jew aħjar minnha.

Dannu li jkollu effett ippruvat fuq is-saħħa tal-bniedem għandu jiġi klassifikat bħala dannu sinifikattiv.

Dan li ġej m'għandux ikun ikklassifikat bħala dannu sinifikattiv:

1) varjazzjonijiet negattivi li huma iżgħar mill-varjazzjonijiet naturali li huma meqjusa bħala normali għall-ispeċi jew ambjent naturali konċernat;

2) varjazzjonijiet negattivi dovuti għal kawżi naturali jew li huma r-riżultat ta' intervent li għandu x'jaqsam mal-amministrazzjoni normali ta' siti, kif imfissra fir-reġistri jew dokumenti speċifiċi dwar l-ambjenti naturali jew kif saru qabel mill-proprjetarji jew operaturi;

3) dannu lil speċi jew lill-ambjenti naturali li jkun ġie stabbilit li se jirkupraw fi żmien qasir u mingħajr ebda intervent, jew għall-kundizzjoni bażi jew għal kundizzjoni li twassal, unikament bis-saħħa tad-dinamika tal-ispeċi jew ambjent naturali, għal kundizzjoni meqjusa bħala ekwivalenti għall-kundizzjoni bażi jew aħjar minnha.

---

## SKEDA II

## IR-RIMEDJAR TAD-DANNU AMBJENTALI

Din l-Iskeda tistabbilixxi qafas komuni li għandu jkun osservat sabiex il-miżuri l-aktar xierqa jistgħu jintgħażlu biex ir-rimedju tad-dannu ambjentali jista' jiġi żgurat.

1. Rimedjar ta' dannu lill-ilma, jew lil speċi jew ambjent naturali protetti.

Ir-rimedjar tad-dannu ambjentali, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilma jew speċi jew ambjenti naturali protetti, jintlaħaq b'restawr tal-ambjent għall-kundizzjoni bażi bis-saħħa ta' rimedju primarju, komplementari u li jikkumpensa, fejn:

(*a*) Rimedju "primarju" huwa kull miżura ta' rimedju li treġġa' r-riżorsi naturali li sofrew dannu u, jew is-servizzi mfixkla lura għal, jew lejn, il-kundizzjoni bażi;

(*b*) Rimedju "komplementari" huwa kull rimedju li jittieħed f'dak li għandu x'jaqsam ma' riżorsi naturali u, jew servizzi biex jikkumpensa l-fatt li r-rimedju primarju ma jwassalx għal restawr komplut tar-riżorsi naturali u, jew is-servizzi li soffrew dannu;

(*ċ*) Rimedju li "jikkumpensa" huwa kull azzjoni li tittieħed biex tikkumpensa għal telfa temporanja ta' riżorsi naturali u, jew servizzi li tiġri fid-data meta jseħħ id-dannu, sakemm ir-rimedju primarju jikseb l-effett sħiħ tiegħu;

(*d*) "telf temporanju" jfisser telf li jkun jirriżulta mill-fatt li r-riżorsi naturali u, jew servizzi li sofrew dannu ma jistgħux jipprovvdu l-funzjoni ekoloġika tagħhom jew jipprovvdu servizzi lir-riżorsi naturali l-oħra jew lill-pubbliku sakemm il-miżuri primarji jew komplementari jiġu fis-seħħ. Ma jikkostitwix kumpens finanzjarju lill-membri tal-pubbliku.

Meta r-rimedju primarju ma jwassalx għal restawr tal-ambjent għall-kundizzjoni bażi, għandu jittieħed rimedju komplementari. Għandu wkoll jittieħed rimedju li jikkumpensa biex jikkumpensa għat-telf temporanju.

Ir-rimedju tad-danni ambjentali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' ilma jew speċi jew ambjent naturali protetti, ifisser ukoll it-tneħħija ta' kull riskju negattiv sinifikattiv lis-saħħa tal-bniedem.

1.1. L-għanijiet tar-rimedju.

L-iskop tar-rimedju primarju.

1.1.1. L-iskop tar-rimedju primarju huwa r-restawr tar-riżorsi naturali li sofrew dannu u, jew servizzi għal, jew lejn, il-kondizzjoni tal-bażi.

Skop ta' rimedju komplementari.

1.1.2. Meta r-riżorsi naturali li sofrew danni u, jew is-servizzi ma jirritornawx għall-kundizzjoni bażi tagħhom, għandu jintuża r-rimedju komplementari. L-iskop tar-rimedju komplimentari huwa li jkun provdut livell simili ta' riżorsi naturali u, jew servizzi, li jinkludi, jekk ikun xieraq, f'post alternattiv, kif kien ikun provdut kieku l-post li sofra d-dannu kien treġġa' lura għall-kundizzjoni bażi. Meta jkun possibbli u adatt, il-post alternattiv għandu jkun konness b'mod ġeografiku mal-post li sofra d-dannu, wara li jkunu kkunsidrati l-interessi tal-popolazzjoni milquta.

L-iskop tar-rimedju li jikkumpensa.

1.1.3. Ir-rimedju li jikkumpensa għandu jseħħ biex ipatti għat-telfa temporanja ta' riżorsi naturali u s-servizzi sakemm iseħħ l-irkupru. Dan il-kumpens jikkonsisti minn titjib addizzjonali lill-ambjenti naturali u l-ispeċi jew l-ilma fil-post li sofra d-dannu jew fil-post alternattiv. Ma jikkonsistix f'kumpens finanzjarju lill-membri tal-pubbliku.

1.2. L-identifikazzjoni tal-miżuri ta' rimedju.

L-identifikazzjoni tal-miżuri ta' rimedju primarji.

1.2.1. Għandhom ikunu kkunsidrati l-għażliet li jinkludu azzjonijiet maħsuba biex iwasslu r-riżorsi naturali jew is-servizzi lura direttament għall-kundizzjoni bażi, fi żmien aċċelerat, jew bis-saħħa ta' rkupru naturali.

L-identifikazzjoni ta' miżuri komplementari u dawk li jikkumpensaw.

1.2.2. Meta tkun qegħda tiġi stabbilita l-iskala tal-miżuri ta' rimedju komplementari jew li jikkumpensaw, l-użu tal-approċċ tal-ekwivalenza bejn riżorsa u riżorsa jew bejn servizz u servizz għandu jiġi ikkunsidrat l-ewwel. Skont dawn l-approċċi, azzjonijiet li jipprovdu riżorsi naturali u, jew servizzi tal-istess tip, kwalità u kwantità bħal dawk li sofrew dannu għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel. Meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jiġu għaldaqstant provduti riżorsi naturali u, jew servizzi alternattivi. Per eżempju, tnaqqis fil-kwalità tista' tkun ikkumpensata b'żieda fil-kwantità ta' miżuri ta' rimedju.

1.2.3. Meta l-ewwel għażla tal-approċċ tal-ekwivalenza bejn riżorsi u riżorsi jew bejn servizzi u servizzi ma tkunx possibbli, allura għandha tintuża teknika alternattiva ta' valutazzjoni. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi l-metodu, per eżempju valutazzjoni monetarja, biex ikun deċiż l-ammont neċessarju ta' miżuri ta' rimedji komplementari u li jikkumpensaw. Jekk il-valutazzjoni tar-riżorsi mitlufa u, jew servizzi tkun prattikabbli, imma l-valutazzjoni tat-tibdil fir-riżorsi naturali u, jew

tas-servizzi b'oħrajn ma tistax ssir fi żmien raġonevoli jew bi prezz raġonevoli, l-awtorità kompetenti tista' tagħżel miżuri ta' rimedju li jiswew daqs l-istima tal-valur monetarju tar-riżorsi naturali u, jew tas-servizzi mitlufa.

Il-miżuri ta' rimedju komplementari u li jikkumpensaw għandhom ikunu ppjanati b'tali mod li jipprovvdu għal riżorsi naturali u, jew servizzi addizjonali sabiex dawn ikunu jirriflettu l-preferenza u l-profil tal-ħin tal-miżuri tar-rimedju. Per eżempju, iktar ma jkun twil il-perjodu ta' żmien sakemm tintlaħaq il-kundizzjoni bażi, iktar jittieħdu miżuri ta' rimedju li jikkumpensaw (meta fatturi oħra jkunu l-istess).

1.3. L-għażla fost rimedji varji.

1.3.1. Ir-rimedji raġonevoli varji għandhom ikunu evalwati, bis-saħħa tal-aħjar teknoloġija disponibbli, fuq bażi tal-kriterji li ġejjin:

(*a*) l-effett tal-għażla fuq is-saħħa u sigurtà tal-pubbliku;

(*b*) l-ispejjeż biex tiġi fis-seħħ dik l-għażla;

(*ċ*) il-probabbiltà ta' suċċess ta' kull għażla;

(*d*) kemm kull għażla jirnexxielha tevita dannu fil-futur, u tevita dannu kollaterali bħala riżultat tat-twettiq tal-għażla;

(*e*) kemm kull għażla hija ta' benefiċċju għal kull komponent tar-riżorsi naturali u, jew tas-servizzi;

(*f*) kemm kull għażla tikkunsidra problemi soċjali, ekonomiċi u kulturali u fatturi oħra rilevanti li huma speċifiċi għall-post;

(*g*) it-tul taż-żmien li jkun hemm bżonn biex ir-ristawr ikun effikaċi;

(*h*) kemm kull għażla tirnexxi fir-restawr tal-post fejn seħħ id-dannu ambjentali;

(*i*) il-konnessjonijiet ġeografiċi mal-post li sofra d-dannu.

1.3.2. Meta jkunu qegħdin jiġu ikkunsidrati l-għażliet ta' rimedju identifikati differenti, jistgħu jintgħażlu miżuri ta' rimedju primarji li ma jwasslux għar-ristawr komplet tad-dannu lill-ilma jew lill-ispeċi jew ambjenti naturali protetti għall-kundizzjoni bażi, jew li jwasslu għal dan l-effett imma iktar bil-mod. Din id-deċiżjoni tista' biss tittieħed jekk ir-riżorsi naturali u, jew is-servizzi nieqsa fil-post primarju bħala riżultat tad-deċiżjoni jiġu kumpensati bis-saħħa ta' żieda fil-miżuri komplementari u li jikkumpensaw, sabiex iwasslu għal livell simili ta' riżorsi naturali u, jew servizzi ta' dawk neqsin. Dan ikun il-każ, per eżempju, meta r-riżorsi naturali u, jew is-servizzi ekwivalenti jistgħu jkunu provduti f'post ieħor b'inqas spejjeż. Dawn ir-rimedji addizzjonali għandhom ikunu stabbiliti skont ir-regoli msemmija fit-taqsima 1.2.2.

1.3.3. Minkejja r-regoli msemmija fit-taqsima 1.3.2. u skont ir-regolament 8(3), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-ebda miżura ta' rimedju addizzjonali m'għandha tittieħed jekk:

(*a*) il-miżuri ta' rimedju li ttieħdu jiżguraw li r-riskju sinifikattiv għas-saħħa tal-bniedem, għall-ilma jew għall-ispeċi u l-ambjenti naturali m'għadux jeżisti; u

(*b*) l-ispejjeż tal-miżuri tar-rimedju li għandhom jittieħdu biex iwasslu għall-kundizzjoni bażi jew livell simili ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-vantaġġi miksuba għall-ambjent.

2. Ir-rimedjar ta' danni lill-art.

Għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji biex ikun żgurat, bħala minimu, li l-kontaminanti rilevanti jkunu mneħħija, kontrollati, limitati jew mnaqqsa sabiex l-art ikkontaminata, meta wieħed jikkunsidra l-użu korrenti jew l-użu tagħha fil-futur li huwa approvat meta jkun sar id-dannu, ma tibqax riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. L-eżistenza ta' dawn ir-riskji għandha titqies skont proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskji li jikkunsidraw il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tal-ħamrija, it-tipi u l-konċentrazzjoni tas-sustanzi, preparazzjonijiet, organiżmi u mikro-organiżmi dannużi, ir-riskju li jikkostitwixxu u l-possibilità li jinfirxu. L-użu għandu jkun stabbilit skont regolamenti dwar l-użu tal-art, jew regolamenti oħra rilevanti, li jkunu fis-seħħ, jekk ikun hemm, meta d-dannu jseħħ.

Jekk l-użu tal-art jinbidel, għandha tittieħed kull miżura neċessarja biex ikunu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

Jekk ir-regolamenti dwar l-użu tal-art, jew regolamenti oħra rilevanti, huma neqsin, in-natura taż-żona rilevanti fejn seħħ id-dannu, wara li wieħed jikkunsidra l-iżvilupp mistenni tal-imsemmija art, għandha tistabbilixxi l-użu speċifiku ta' dik iż-żona.

Għandha tkun ikkunsidrata l-għażla ta' rkupru naturali, jiġifieri l-għażla li fiha m'hemm ebda intervent mill-bniedem fil-proċess ta' rkupru.

---

## SKEDA III

### L-ATTIVITAJIET MSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 4

1. L-operatzzjoni tal-istallazzjonijiet li għandhom bżonn permess skont ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali. Dan ifisser li l-attivitajiet kollha elenkati fl-Iskeda I tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, l-Iskeda I tar-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali bl-eċċezzjoni ta' stallazzjonijiet jew parti mill-istallazzjonijiet użati għar-riċerka, żvilupp u ttestjar ta' prodotti u proċessi ġodda.

L.S 549.76 L.S 549.77 L.S. 549.79

2. Operati ta' maniġġar tal-iskart, li jinkludu l-ġbir, trasport, irkupru u r-rimi ta' skart u ta' skart perikoluż, inkluża wkoll is-sorveljanza tal-imsemmija operati u l-kura tal-postijiet tar-rimi, bla ħsara għall-permess jew reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 549.63

Dawk l-operati jinkludu, fost oħrajn, l-operat ta' postijiet ta' radam skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (*Landfills*) u l-operat ta' fabbriki tal-inċinerazzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali.

L.S. 549.29 L.S. 549.81

Għal iskop ta' dawn ir-regolamenti, dawk l-operati m'għandhomx jinkludu it-tifrix ta' ħama tad-drenaġġ mill-impjanti tat-tisfija tad-drenaġġ urban, trattat skont livell approvat, għal skopijiet tal-agrikoltura.

3. Kull rilaxx għal ġo l-ilmijiet interni tal-wiċċ, li għandu bżonn permess minn qabel skont ir-Regolamenti dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent tal-Ilma. L.S. 549.10

4. Kull rilaxx ta' sustanzi fl-ilma li jinsab taħt l-art li għandu bżonn permess minn qabel skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ilma ta' taħt l-Art kontra t-Tniġġiż u d-Deterjorament. L.S. 549.53

5. Ir-rilaxx jew injezzjoni ta' tniġġis fl-ilma tal-wiċċ jew fl-ilma li jinsab taħt l-art li għandu bżonn permess jew reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. L.S. 549.100

6. L-estrazzjoni tal-ilma u l-ġbir tal-ilma bla ħsara għall-ħtieġa ta' permess bil-quddiem skont ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma. L.S. 549.100

7. Il-manifattura, l-użu, l-ħażna, l-ipproċessar, il-mili, u r-rilaxx fl-ambjent u t-trasport fil-post ta':

(*a*) sustanzi perikolużi skont ir-Regolamenti dwar Sustanzi Perikolużi; L.S. 427.14

(*b*) preparamenti perikolużi skont ir-Regolamenti dwar Sustanzi u Preparamenti Perikolużi; L.S. 427.28

(*ċ*) prodotti għall-ħarsien tal-pjanti skont ir-Regolamenti dwar il-Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti; L.S. 430.01

(*d*) prodotti bijodiċi skont ir-Regolamenti dwar il-Bijodiċi. L.S. 430.03

8. Trasport bit-triq jew baħar ta' prodotti perikolużi jew li jniġġsu kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur u l-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri, fir-rigward ta' trasport intern bit-triq ta' prodotti perikolużi jew kif imsemmi fir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikolużi, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*. L.S 65.22 L.S 499.12

9. Kull użu limitat, li jinkludi t-trasport, li għandu x'jaqsam ma' mikro-organiżmi ġenetikament modifikati kif imfissra fir-Regolamenti dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament. L.S. 549.49

10. Kull rilaxx intenzjonat fl-ambjent, it-trasport u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi ġenetikament modifikati kif imfisser fir-Regolamenti dwar Rilaxx Deliberat ta' Organiżmi Modifikati Ġenetikament fl-Ambjent. L.S. 549.60

11. It-trasbord tal-iskart ġewwa, għal ġo jew għal barra mill-Unjoni Ewropea, li għandu bżonn permess jew li hu projbit skont ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart u r-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Iskart (Vjaġġi ta' Skart). L.S. 549.65

12. L-immaniġġar ta' skart estrattiv kif imfisser fir-Regolamenti dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim).

L.S. 549.50

L.S. 549.68

13. L-operat ta' siti għall-ħżin kif imfisser fir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

---

## SKEDA IV

### IL-KONVENZJONIJIET INTERNAZZJONALI MSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 5(2)

(*a*) il-Konvenzjoni Internazzjonali tas-27 ta' Novembru 1992 dwar ir-Responsabbilità Ċivili għal Dannu kaġunat mit-Tinġis taż-Żejt;

(*b*) il-Konvenzjoni Internazzjonali tas-27 ta' Novembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' Fond Internazzjonali għal Kumpens għal Dannu kaġunat mit-Tinġis taż-Żejt;

(*ċ*) il-Konvenzjoni Internazzjonali tat-23 ta' Marzu dwar ir-Responsabblità Ċivili għal Dannu kaġunat mit-Tinġis taż-Żejt tal-*Bunker*;

(*d*) il-Konvenzjoni Internazzjonali tat-3 ta' Mejju 1996 dwar ir-Responsabbiltà u l-Kumpens għal Dannu li għandu x'jaqsam mat-Trasport ta' Sustanzi Perikolużi u Velenużi bil-Baħar;

(*e*) il-Konvenzjoni tal-10 ta' Ottubru 1989 dwar ir-Responsabbilità Ċivili għal Dannu kaġunat waqt it-Trasport ta' Prodotti Perikolużi bit-Triq, bil-Ferrovija, u b'Vapuri użati f'Navigazzjoni Interna.

---

## SKEDA V

### L-ISTRUMENTI INTERNAZZJONALI MSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 5(4)

(*a*) il-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-Responsabbiltà ta' Terzi fl-Oqsma tal-Enerġija Nukleari u l-Konvenzjoni Supplimentari ta' Brussell tal-31 ta' Jannar 1963;

(*b*) Il-Konvenzjoni ta' Vjenna tal-21 ta' Mejju 1963 dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Dannu Nukleari;

(*ċ*) il-Konvenzjoni tat-12 ta' Settembru 1997 dwar il-Kumpens Supplimentari għal Dannu Nukleari;

(*d*) il-Protokoll Konġunt tal-21 ta' Settembru 1988 dwar l-Applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna u l-Konvenzjoni ta' Pariġi;

(*e*) il-Konvenzjoni ta' Brussell tas-17 ta' Diċembru 1971 dwar ir-Responsabbiltà Ċivili fl-Oqsma ta' Trasport Marittimu ta' Materjal Nukleari.